**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dottor Brigitte Sultana LL.D, LL.M (Cardiff) Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Illum, it-Tlieta 27 ta' April ta' 2021**

**Rikors Guramentat numru:- 60/2015 BS**

**Peter Camilleri**

**vs**

**Lee David Camilleri u Nicholas Camilleri**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors guramentat fejn l-attur ippremetta:**

1. Illi l-attur Peter Camilleri huwa koncessjonarju u persuna licenzjata biex jopera '*mobile kiosk on a fixed site*' maghruf bhala Dwejra *Kiosk* fil-Pjazza tad-Dwejra, Triq il-Gebla tal-General, fil-bajja tad-Dwejra, fil-limiti ta' San Lawrenz, Ghawdex;

2. Illi f'xi zmien peress li kien okkupat b'impenji ohra, u b'mera tolleranza, l-attur ippermetta lil huh Emanuel Camilleri sabiex jaghmel uzu minn dan in-negozju. Dan bil-buona volonta u b'tolleranza tal-istess attur;

3. Illi sussegwentament wara l-mewt tal-istess Emanuel Camilleri, iz-zewgt uliedu, il-konvenuti dahlu jokkupaw dan in-negozju;

4. Illi minkejja li l-attur talab lil dawn iz-zewg konvenuti sabiex johorgu minn l-istess negozju u jhalluh liberu ghad-dispozizzjoni tieghu, il-konvenuti irrifjutaw illi jaghmlu dan u baqghu jokkupaw l-istess fond. Dan mhux biss bi ksur tad-drittijiet tal-attur izda anke' bi ksur tal-ligi;

5. Illi l-attur Peter Camilleri jixtieq illi dan il-fond jigi ritornat lilu minghajr xkiel;

6. Illi din il-kawza qed issir u qed tigi konfermata bil-gurament mill-attur Peter Camilleri li ghandu konoxxenza vera u propja tal-fatti in kawza.

**Talab li din l-Onorabbli Qorti:**

1. Tiddikjara illi l-konvenuti qieghdin jokkupaw il-fond maghruf bhala Dwejra *Kiosk* fil-Pjazza tad-Dwejra, Triq il-Gebla tal-General, fil-bajja tad-Dwejra, fil-limiti ta' San Lawrenz, Ghawdex minghajr ebda titolu validu fil-ligi u/jew kontra r-rieda ta' l-attur.

2. Tiddikjara illi l-attur huwa intitolat jirriprendi l-pussess ta' dan il-fond ossia negozju;

3. Tordna lil konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju jizgumbraw mill-fond definittivament u jhalluh ghal-liberta dispozizzjoni mhux imxekkla tal-attur;

Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta' Awwissu tas-sena elfejn u hmistax (2015). Bl-ingunzjoni tal-konvenut minn issa ghas-subizzjoni.

**Rat ir-risposta guramentata ta' Lee David u Nicholas ahwa Camilleri illi eccepew:**

1. Illi l-koncessjoni u/jew licenzja li jghid li ghandu l-attur Peter Camilleri fuq il-*kiosk* bl-isem Dwejra *Kiosk* li jinsab gewwa Pjazza tad-Dwejra, Triq il-Gebla tal-General, limiti ta' San Lawrenz, Ghawdex quo ma jammontax ghal titolu li abbazi tieghu jista' jitlob l-izgumbrament tal-konvenuti jew del resto ta' xi hadd iehor.

2. Illi mhuwiex tassew dak li inghad fit-tieni paragrafu tar-rikors guramentat stante li jekk hemm xi licenzja jew permess mahrug f'isem l-attur dan sar biss bi presta nome ta' missier il-konvenuti Emanuel Camilleri li sa mill-bidu nett kien u baqa' sakemm miet, hlief ghal perjodu ta' xi erbgha snin, jiggestixxi wahda n-negozju u jopera mill-istess *kiosk*.

3. Illi wara l-mewt ta' missierhom, il-konvenuti bhala eredi ta' missierhom baqghu joperaw dan in-negozju kif ghadhom hekk joperawh sal-lum.

4. Illi kif sejjer jinghad u jigi mitlub fil-kontro-talba kontestwali l-konvenuti bhala eredi ta' missierhom ghandhom id-dritt li jiggestixxu l-*kiosk* de quo.

**Rat il-kontro-talba fejn il-konvenuti ppremettew:**

1. Billi f'xi zmien missier il-konvenuti u l-attur kienu ftehmu li jigestixxu n-negozju mill-*kiosk* de quo li kien qed jigi gestit f'isem Doris Cassar.

2. Billi l-istess Doris Cassar kienet ghaddiet il-gestjoni tan-negozju a favur ta' missier il-konvenuti Emanuel Camilleri u l-attur Peter Camilleri, li pero' minhabba ragunijiet ta' fiducja u kredibilita' l-atti kollha civili li saru dejjem saru f'isem l-attur Peter Camilleri.

3. Billi effettivament sew l-introjtu kif ukoll l-ispejjez u hlasijiet li kellhom isiru fl-istess negozju kellhom jigu ripartiti nofs bin-nofs u cioe' hamsin fil-mija mill-attur u hamsin fil-mija minn missier il-konvenuti Emanuel Camilleri u effettivament hekk kien qed jigri sakemm l-istess attur abbanduna n-negozju kif se jigi pruvat fil-mori tal-kawza.

4. Billi ghall-habta tas-sena 1995 l-attur xeba' u abbanduna dan in-negozju u dan in vista ta' diversi problemi legali konessi ma dan il-*kiosk* u effetivament iddecieda li jibda negozju gdid – l-istabbiliment Sew View fl-Imgarr Ghawdex.

5. Billi minn dakinhar 'il quddiem il-*kiosk* de quo baqa' jigi gestit ad eskluzjoni tal-attur jew terzi, minn missier il-konvenuti Emanuel Camilleri.

**Talbu lil din l-Onorabbli Qorti:**

1. Illi salv ghal kwalunkwe kreditu konsistenti ghan-nofs il-miljoramenti li setghu saru sas-sens 1995 in-negozju gestit fil-*kiosk* bl-isem Dwejra *Kiosk* li jinsab gewwa Pjazza tad-Dwejra, Triq il-Gebla tal-General, limiti ta' San Lawrenz, Ghawdex illum jappartjeni lil konvenuti bhala eredi ta' missierhom Emanuel Camilleri.

2. Illi konsegwentament kwalunkwe licenzji u permessi li jkopru l-istess negozju ghalkemm qed jinhargu f'isem l-attur huma effettivament tal-konvenuti.

Bl-ispejjez.

**Rat ir-risposta guramentata tal-attur ghal kontro-talba tal-konvenuti illi eccepixxa:**

1. Illi t-talbiet kontenuti fil-kontro-talba huma nfondati fid-dritt u fil-fatt.

2. Illi mhux minnu illi l-attur xi darba agixxa presta nome ghal missier il-konvenuti fir-rigward ta' dan in-negozju u qatt ma kien hemm xi ftehm ssimili.

3. Illi ghal kuntrarju missier l-konvenuti kien qieghed f'dan in-negozju b'tolleranza u bi pjacir ta' l-attur minhabba l-kondizzjoni li kien fiha.

4. Illi la l-konvenuti u lanqas missierhom qatt ma kellhom xi dritt fuq dan in-negozju.

5. Illi din ir-risposta qed issir u qed tigi kkonfermata bil-gurament minn Peter Camilleri li ghandu konoxxenza vera u propja tal-fatti in kwistjoni.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza nkluz id-dokumenti esebiti.

Rat illi fis-seduta tad-19 ta' Frar, 2020 il-partijiet iddikjaraw il-provi taghhom maghluqa.

Rat illi dak inhar il-partijiet inghataw zmien xahrejn kull wehed sabiex jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet.

Rat illi r-rikorrent ipprezenta n-nota tieghu fit-22 ta' April, 2020, filwaqt li l-intimati pprezentaw in-nota taghhom fl-24 ta' Gunju, 2020.

Semghet it-trattazzjoni finali bil-fomm.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-27 ta' April, 2021.

**Ikkunsidrat:**

**Talba, Risposta, Rikonvenzjoni.**

Din hija kawza fejn ir-rikorrenti qieghed jitlob li jikseb lura l-pussess tal-*mobile kiosk* maghrufa bhala Dwejra *Kiosk* li tinsab fil-Pjazza tad-Dwejra, Triq il-Gebla tal-General, fil-bajja tad-Dwejra, fil-limiti ta' San Lawrenz, Ghawdex.

L-intimati laqghu billi eccepew illi r-rikorrenti m'ghandu ebda titolu fuq l-imsemmija gabbana u li l-uniku raguni ghaliex id-dokumenti relattivi ghall-gabbana hargu fuq isem ir-rikorrenti huwa biss dovut ghall-fatt illi r-rikorrenti agixxa ta' *prestanome* ghal huh Emanuel Camilleri, illum mejjet. Tajjeb jinghad illi l-intimati, li jigu ulied Emanuel Camilleri, komplew bl-operat tan-negozju minflok missierhom. Fil-kontro-talba taghhom jghidu illi l-gestjoni tal-gabbana kienet bi shab bejn ir-rikorrenti u huh sakemm fis-sena 1995 konsegwenza ta' problemi ta' natura legali relatati mal-gabbana, ir-rikorrenti abbanduna l-gabbana u fetah negozju ghal rasu. Ghalhekk jippretendu rizarciment ta' nofs l-ispejjez kollha illi saru minnhom mis-sena 1995 'il quddiem. Ir-rikorrenti laqgha ghal din it-talba rikonvenzjonali billi nsisita illi huwa qatt m'agixxa ta' *prestanome* ghal huh Emanuel Camilleri anzi jghid illi Emanuel Camilleri kien qieghed jiehu hsieb l-operat tal-*kiosk* b'mera tolleranza da parti tar-rikorrenti izda la Emanuel Camilleri u lanqas l-intimati qatt m'akkwistaw xi titolu jew jedd fuq il-*kiosk*.

**Il-Mandat *Prestanome*:**

Fid-dawl tat-talbiet rikonvenzjonali, il-Qorti trid qabel xejn tanalizza r-relazzjoni guridika li nstawrat bejn Peter Camilleri u huh Emanuel Camilleri u dan ghaliex il-fondament tal-kwistjoni kollha bejn il-partijiet

hija jekk kienx hemm jew le mandat *prestanome* bejn ir-rikorrenti u huh. Huwa biss wara li tistabbilixxi dan illi l-Qorti tkun imbaghad tista' tghaddi ghall-analizi tal-kwistjoni fil-mertu taghha.

Il-figura ta' *prestanome* hija marbuta ma' persuna u cioe il-mandant illi jahtar lil haddiehor sabiex jidher f'isimu. F'ghajnejn il-ligi il-mandant u l-mandatarju huma maghduda bhala haga wahda fir-relazzjoni ta' bejniethom. Dan pero` mhux dejjem ikun evidenti ghat-terz ghaliex il-mandatarju mhux dejjem jiddikjara illi jkun qieghed jidher ghall-mandant tieghu. F'dan il-kaz ghalhekk tirrizulta rapprezentanza indiretta. Ghall-kuntrarju, ir-rapprezentanza tkun diretta fejn il-mandatarju jiddikjara dan espressament. Dwar dan il-gurista Torrente jghallem illi "*Mentre, nel caso della rappresentanza diretta, gli effetti del negozio si producono immediatamente e direttamente nella sfera del rappresentato (e` come se il negozio fosse compiuto direttamente dal rappresentato: percio` il rappresentante si chiama alter ego del rappresentato); nella rappresentanza indiretta, invece, chi fa la dichiarazione acquista i diritti e diventa correlativamente soggetto degli obbligi nascenti dal negozio, ed occorrera` un altro negozio, perche` gli effetti dell'atto si trasmettano nel patrimonio della persona nel cui interesse ha agito. La rappresentanza indiretta ha, percio`, l'inconveniente di richiedere due negozi. E poiche` il rappresentante indiretto non spende il nome di colui nel cui interesse compie l'atto, ma adopera il proprio nome, egli nella pratica si chiama 'prestanome'. ... Il compimento dell'ulteriore negozio, che serve per trasferire diritti ed obblighi a colui nel cui interesse la persona che ha fatto la dichiarazione ha agito, costituisce un'obbligazione per il rappresentante indiretto*"[1]

Huwa bis-sahha tar-regoli specjali dwar il-kuntratt tal-mandat u aktar u aktar bis-sahha tal-obbligazzjonijiet fiducjarji li l-ligi taghna taghraf din it-tip ta' relazzjoni fejn persuna ghandha l-fakulta' tidher fuq att u tikseb gid f'isimha imma fl-interess tal-mandant taghha.

A tenur tal-Artikolu 1857(2) tal-Kap 16 il-mandat jista' jsir "*b'att pubbliku, b'kitba privata, b'ittra, bil-fomm jew b'mod tacitu*" u dan ghaliex kif

[1] **<u>Manuale di Diritto Privato</u>**, 9ª Ediz., 1975, pag. 214-5 u 551-2

tghallimna l-gurisprudenza "*il-forma tal-mandat hija libera. L-unika limitazzjoni li taghmel il-ligi f'materja ta' mandat tirrigwarda s-setgha sabiex isiru trasferimeni ta' beni minbarra dawk it-trasferimenti li jaqghu fil-limiti ta' l-amministrazzjoni, jew sabiex isiru ipoteki fuq beni, jew sabiex isiru attijiet ohra ta' proprjeta', li trid tkun espressa. Ghalhekk ma jidherx li hija rikjesta ebda formalita`; u f'dan is-sens hija l-gurisprudenza kostanti tal-Qrati Taghna. "Siffato mandato ... non occoreva che fosse in iscritto per essere valido, sebbene fosse inteso per l'acquisto di immobili nessuna limitazione in tale senso contenendosi nella nostra legge*"[2].

Dwar il-mandat tacitu, il-gurista **Borsari** jghallem illi "*Il mandato tacito e' dedotto da tali combinazioni di fatto per cui si presume che chi fa qualche cosa per un altro, ne abbia ricevuto l'incarico*"[3]. Fuq l-istess binarju huwa l-insenjament ta' **Angelo Olivieri** li dwar din il-materja esprima ruhu hekk: "*Si ha il mandato tacito quando si imprendono a trattare gli affari di una persona in tali speciali circostanze da far chiaramente desumere non solo dall'inizio della trattazione il tacito consenso di detta persona, ma anche da parte di chi li esegue la certezza di aver ottenuto detto consenso, e di essersi determinato, in ragion di esso, all'esecuzione di detti affari*" ikompli jghid illi "*Elemento essenziale e fondamentale del mandato tacito si e' ... la scienza dello interessato che, avendo possibilita' o dovere, ad anche solo ragionevole interesse, di opporsi al compimento dei suoi affari, ad altri intrapreso in suo nome e conto, lo tollera in silenzio, costituendo tale silenzio la base di un mandato giuridicament obbligatorio*"[4].

Jidher ghalhekk illi l-mandat tacitu jimxi fuq il-prezunzjoni li l-mandatarju ghandu l-kunsens tacitu tal-mandant sabiex jizvolgi xi negozju f'ismu. Mill-banda l-ohra il-mandant jehtieg ikollu l-gharfien dwar il-fatt illi n-negozju li ghandu nteress fih qieghed jigi zvolt f'ismu minn terzi.

---

[2] Ara: **S. Galea vs Paolo Gauci noe**, Qorti tal-Appell, 24ta' April 1931, Vol. XXVIII-I-60; **V. Vella vs Angelo Vella**, Prim'Awla, 13 ta' Jannar 1947; **Rizzo Bamber vs Rizzo**, Prim'Awla, 11 ta' Jannar 1950; **Carmela Farrugia vs Giuseppe Farrugia**, Appell Civili, 20 ta' Novembru 1953.

[3] **Codice Civile Italiano Commentato**, art. 1738, para. 3866.

[4] **Digesto Italiano, Voce "Mandato Civile"**, para. 149 u 150.

Element iehor fondamentali ghall-mandat tacitu huwa illi dan isir b'mod espress u mhux implicitu. Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Richard Rizzo Bamber noe v. Giuseppina Rizzo noe et</u>** il-Qorti sostniet illi *"mandat 'expressis' ma jfissirx ta' bilfors mandat bil-miktub, u jista' ugwalment jigi stabbilit u pruvat b'mezzi ohra li huma permessi mil-ligi."*[5]

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>Yvette Galea pro et noe vs Philip Galea</u>**[6]. Ghalkemm f'dak il-kaz il-kwistjoni kienet dwar il-proprjeta` tad-dar konjugali, il-principji hemm ribaditi huma ta' rilevanza ghall-kaz ta' llum. Inghad hekk:

*"Huwa stabbilit li, biex jinghata mandat bhal dan, m'hemmx ghalfejn li jkun bil-miktub u l-ligi specjali li thares dan il-kuntratt dan tghidu car, b'mod li lanqas ma hija mehtiega l-kitba biex persuna tahtar lil persuna ohra biex tikseb gid immobbli f'isimha. Jehtieg, madankollu, li l-mandat ikun wiehed espress u mhux biss implicitu. Ladarba ma jkunx hemm il-kitba f'hatra bhal dik, jaqa' fuq min jallega l-mandat il-piz li jippruvah kif imiss, u din il-prova trid tkun tajba bizzejjed biex toqghod ghall-vot tal-grad probatorju mistenni f'kawza ta' natura civili;*

…

*Din il-Qorti tistqarr li hi sabitha difficli tittratta dan il-punt izda wara li gharblet sew il-provi prodotti tara li bir-rispett kollu, ma tistax taqbel mal-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti. Hu veru li meta l-partijiet iddecidew li jizzewwgu, il-hsieb kien li jixtru dar flimkien wara li jmorru flimkien il-bank biex jiehdu self. Meta, pero`, missier ir-ragel identifika l-art is-Swieqi u hi accettat li fuq l-art tinbena l-futura dar matrimonjali taghhom, ma baqghetx tinsisti li hi tippartecipa b'mod attiv fil-finanzjament tal-istess. Ir-ragel qalilha li hu u missieru kienu se jiehdu hsieb kollox u lanqas kellhom bzonn imorru l-bank ghal finanzjament, ghax kumpanija ta' missieru kienet se tiehu hsieb dan. Il-mara afdatu u halliet f'idejh biex jixtri l-art ghat-tnejn. Altru, pero`, li tafdah li dak li se jsir ikun ghat-tgawdija tat-tnejn, u altru li tghid li l-ftehim kien li l-art tkun tat-tnejn. Hi tghid*

[5] Prim'Awla, 11 ta' Jannar 1950. Ara wkoll: **<u>Victor Pisani vs Grazio Mizzi et</u>**, Qorti tal-Appell, 29 ta' Jannar 2010; **<u>Yvette Galea pro et noe vs Philip Galea</u>**, Qorti tal-Appell, 3 ta' Frar 2012.

[6] Deciza fit-3 ta' Frar, 2012 mill- Qorti ta' l-Appell

*li l-ftehim kien li l-proprjeta` tinxtara mittnejn, pero`, allura ma tinsistix li jkollha xi haga fuq isimha, jew li almenu tkun prezenti ghall-pubblikazzjoni tal-att?! Li l-art u d-dar li kellha tinbena fuqha kellhom iservu bhala sit ghar-residenza tal-familja kien gie miftiehem, pero`, ma jirrizultax b'mod car li l-mara kellha tkun ko-proprjetarja wkoll. Id-dar kellha tkun "ghalihom", pero`, dan ma jfissirx li kellha tkun taghhom. Kif intqal, il-ftehim irid ikun espress u mhux implicitu, u li jirrizulta mill-provi hu li rragel kellu jiehu hsieb jixtri l-art u jibni d-dar ghalihom ittnejn, mhux li hu jakkwista d-dar ghalihom. Ma kien hemm xejn xi jzomm lill-mara, li tigi minn familja ben istruwita, milli tidher hi wkoll fuq il-kuntratt ta' self u akkwist, u jekk kienet se thalli f'idejn ir-ragel, kellha tal-anqas taghmel il-hsieb taghha car.*

…

*Hu veru li l-mara ghamlet pagamenti akkont tas-self li ha r-ragel ghall-akkwist tal-art u l-bini tad-dar, pero`, apparti l-fatt li dan beda jsir tlettax-il xahar wara l-pubblikazzjoni tal-att, dan sar ghax id-dar kellha tkun dik matrimonjali, u mhux neccessarjament ghax kienet tat-tnejn. Kien f'dan is-sens li r-ragel stqarr ma' martu li missieru "hafrilna" d-dejn. Li titlob lil xi hadd jaqsam mieghek il-piz ghal akkwist ta' oggett li l-uzu tieghu se jkun komuni ma jwassalx, wahdu, ghall-konkluzjoni li dak l-oggett kellu jkun tat-tnejn.*

…

*Kull ftehim irid il-kunsens taz-zewg partijiet, u ma jidhirx li, f'dan il-kaz, kien hemm l-idem placitum consensus fuq ftehim kif tallega l-mara. Jista' jkun li r-ragel, gwidat minn missieru, kien aktar makakk mill-mara, pero`, dan ma jwassalx ghall-holqien ta' mandat kif trid il-ligi u l-gurisprudenza."*

**Il-Provi:**

Riferibbilment ghall-kaz ta' llum, bhala punt tat-tluq irid ta' bilhaqq jigi stabbilit jekk bejn ir-rikorrenti u huh Emanuel Camilleri kienx hemm ftehim li permezz tieghu ir-rikorrenti agixxa ta' mandatarju *prestanome* u

fl-interess ta' huh akkwista l-ishma fil-gabbana f'ismu proprju izda bl-obbligu li eventwalment jghaddih lil huh. Il-Qorti tosserva certu inkonsistenza u konfunzjoni fl-intimati u dan ghaliex waqt illi fir-risposta taghhom jghidu li r-rikorrenti agixxa *prestanome* ghal missierhom, fil-premessi u fit-talbiet rikonvenzjonali jghidu li l-gestjoni giet akkwistata mir-rikorrenti u minn missierhom u li l-ispejjez relattivi kellhom jinqasmu nofs bin-nofs bejniethom. Tant hu hekk illi fit-talbiet rikonvenzjonali jitolbu rizarciment ghal nofs il-meljoramenti li saru mis-sena 1995 'il quddiem.

Tressqu diversi xhieda u giet esebita dokumentazzjoni estensiva u voluminuza in sostenn tal-pozizzjonijiet rispettivi illi hadu l-partijiet f'din il-vertenza. Waqt illi l-Qorti ghandha x-xhieda tar-rikorrenti, hija priva mix-xhieda ta' Emanuel Camilleri li gie nieqes fis-sena 2011 u allura qabel l-intavolar tal-kawza odjerna. Ghalhekk, sabiex tistabbilixxi sewwa sew x'kienet l-intenzjoni tal-partijiet fil-mument li ttiehdet il-gestjoni tal-gabbana, il-Qorti trid tistrih fuq il-provi li tressqu quddiemha.

Il-gabbana mertu ta' din il-kawza tinsab sitwata fuq art li tappartjeni lill-Kummissarju tal-Artijiet. Il-gabbana, li tigi operata tramite Dwejra Caterers Limited, hija koperta bil-licenzji kollha sabiex topera bhala negozju ta' *catering, take away, snack bar* u negozju iehor affini. Originarjament din il-gabbana kienet gestita minn Doris Cassar sakemm bi ftehmin tat-30 ta' Gunju 1995 Doris Cassar u zewgha Joseph Cassar obbligaw ruhhom illi jbieghu b'titolu ta' bejgh l-ishma kollha fil-kumpanija Dwejra Caterers Limited lir-rikorrenti biex b'hekk il-gestjoni tal-gabbana tghaddi f'idejh[7].

Il-Qorti tinsab rinfaccjata b'verzjonijiet kontrastanti dwar kif zvolgew il-fatti. Waqt illi r-rikorrenti xehed illi n-negozju ghamlu hu, liema xhieda hija del resto korroborata minn Doris Cassar, l-intimat Lee David Camilleri jghid illi n-negozju dejjem kien ta' missieru u li "*Peter kien involut bis fuq il-karti u skond ma kien qalli missieri dana peress li meta nxtrat*

[7] Dok. X1 a fol. 12 et seq, Vol. I tal-process.

*il-gabbana Doris Cassar li kienet is-sid ta' qabel, ma fdatx lil missieri peress li kien fuq tieghu. Doris kienet dahlet f'kuntratt ma' Peter minflok ma' missieri."*[8] F'dan ir-rigward Doris Cassar xehdet illi hija kienet giet avvicinata mir-rikorrenti u minn huh sabiex dawn jibdew imexxu l-gabbana flimkien[9]. Tghid ukoll illi ghalkemm l-iskrittura tat-30 ta' Gunju 1995 giet iffirmata mir-rikorrenti *"pero kienu jkunu dejjem flimkien dawn it-tnejn"* b'referenza ghal Emanuel Camilleri. Mistoqsija in kontro-ezami sabiex tghid jekk *"fil-bidu nett meta bdejt in-negozjar biex tikri l-gabbana, in-negozjati saru ma' Manwel"*, Doris Cassar wiegbet illi *"Le"*. Il-Qorti tosserva illi l-komparenti fuq dan l-att kienu Joseph u Doris Cassar u r-rikorrenti Peter Camilleri. Imkien fl-att ma ssir referenza ghal Emanuel Camilleri. Terga u tghid Doris Cassar kompliet tixhed illi ghalkemm kien hemm perjodu fejn il-licenzja kienet ghada fuq isimha, il-gabbana kienet qeghda titmexxa minn Peter Camilleri. Ziedet tghid illi kull meta kien imiss illi tithallas il-licenzja hija kienet tawtorizza lir-rikorrenti sabiex imur ihallas f'ishma u li ghal kull kwistjoni li kienet tinqala' hija kienet titkellem biss mar-rikorrenti.

Il-licenzja u l-permessi tal-*encroachment* inqalbu favur ir-rikorrenti fl-14 ta' Frar 2008[10]. L-ircevuta relattiva ghall-hlas tal-licenzja tindika illi l-licenzja hija f'isem Peter Camilleri ossia r-rikorrenti[11]. Mid-dokumentazzjoni esebita jidher bic-car illi sas-sena 2008 il-licenzji relattivi kienu f'isem Doris Cassar imbaghad inqalbu ghal fuq Peter Camilleri.

Fl-affidavit tieghu Peter Camilleri jghid illi l-akkwist tal-gabbana de quo kif ukoll il-hlas tal-licenzji u permessi relattivi kien investiment li sar minnu personalment[12]. In sostenn ta' dan huwa pprezenta dokumentazzjoni estensiva konsistenti f'ghadd kbir ta' ricevuti relattivi ghal diversi xogholijiet illi saru fil-gabbana, fatturat dwar xiri ta' stokk u spejjez, kontijiet ta' servizzi u utilitajiet u kontijiet tal-professjonisti illi taw

[8] A fol. 78 et seq., Vol. I tal-process.
[9] A fol. 60 et seq., Vol. I tal-process.
[10] Dok. X2 a fol. 14. Ara wkoll ix-xhieda ta' Frank Mizzi in rapprezentanza tal-Government Property Department, fol. 36 u 36 Vol. I tal-process u x-xhieda ta' Martin Bajada Direttur mal-Awtortita` tal-Artijiet, fol. 420 et seq., Vol. II tal-process.
[11] Ara wkoll ix-xhieda ta' Dr Joseph Grech a fol. 43 et seq tal-process u 'Dok. JG1' a fol. 46, Vol. I tal-process.
[12] Dok. PC1 a fol. 31 et seq. tal-process.

is-servizzi taghhom b'rabta ma' diversi kwistjonijiet relattivi ghal gabbana[13]. Dawn id-dokumenti kollha jghajjtu lir-rikorrenti Peter Camilleri. L-intimati ukoll ipprezentaw kopja tal-ftehim li sar bejn ir-rikorrenti u Simonds Farsons Cisk plc[14]. F'dan ir-rigward xehed ukoll Saviour Scicluna li jbiegh *catering equipment*[15]. Jghid illi snin ilu kien gie avvicinat mir-rikorrenti li ried jixtri *catering equipent* sabiex jarma gabbana d-Dwejra. L-ordni u l-hlas kienu saru mir-rikorrenti li kien ukoll prezenti meta saret il-konsenja tal-affarijiet. Xehed ukoll Joseph Vella li kkonferma illi ghall-habta tas-sena 1995 kien ghamel xoghol ta' *membrane* fil-gabbana liema xoghol sar fuq inkarigu u spejjez tar-rikorrenti[16].

Ir-rikorrenti pprezenta wkoll ricevuti relattivi ghal garanzija bankarja mahruga bejn is-sena 2007 u s-sena 2017 mill-Bank APS f'isem ir-rikorrenti u favur id-dipartiment tal-artijiet[17]. Dan isib korroborazzjoni fix-xhieda ta' Oliver Grech[18] in rapprezentanza tal-APS Bank kif ukoll fix-xhieda ta' Martin Bajada in rapprezentanza tal-Awtortita` tal-Artijiet[19]. Martin Bajada kkonferma illi *una volta* illi l-permess u l-licenzja daru f'isem ir-rikorrenti, kull komunikazzjoni u korrispondenza relattiva ghall-gabbana dejjem saret mar-rikorrenti. Mistoqsi mill-Qorti jekk l-isem ta' Emanuel Camilleri jirrizultax mid-dokumentazzjoni illi l-Awtorita` ghandha b'rabta mal-gabbana, Martin Bajada xehed fin-negattiv. Xehed ukoll Carmel Bajada in rapprezentanza ta' ARMS Ltd li kkonferma illi l-kont tal-ilma jinsab registrat f'isem ir-rikorrenti u ilu hekk registrat sa mis-6 ta' Lulju 2008[20]. Qabel din id-data l-kont kien registrat fuq Joseph Cassar.

Mix-xhieda kif korroborrata mill-fedina penali relattiva, jirrizulta illi Emanuel Camilleri ma kienx jghix hajja stabbli kawza ta' dipendenza serja

---

[13] Ara l-elenku ta' dokumenti a fol. 140 u 141 u d-dokumentazzjoni a fol. 142 et seq, Vol. I u Vol. II tal-process.
[14] Dok. LCD 1 a fol. 670, Vol. IV tal-process.
[15] Dok. SS1 a fol. 630, Vol. IV tal-process.
[16] A fol. 637 et seq., Vol. IV tal-process.
[17] Dok. KM 1 sa Dok. KM 9 a fol. 395 sa 409, Vol. II tal-process.
[18] A fol. 433 sa 435 u d-dokumenti esebiti minnu bhala Dok. OG1 a fol. 436 sa 455, Vol. II tal-process.
[19] A fol. 420 et seq., Vol. II tal-process.
[20] A fol. 456 u Dok. CB1 a fol. 458 et seq Vol. II tal-process.

fuq id-droga. Ir-rikorrenti kien jipprova jghin lil huh sabiex flimkien ma' uliedu jghixu hajja kemm xejn ahjar. Emanuel Camilleri xellef idu mal-gustizzja diversi drabi u sahansitra gie kkundannat ghal xi perjodi ta' prigunerija effettiva. Doris Cassar xehdet illi minhabba l-kondotta hazina ta' Emanuel Camilleri hija ma kellhiex pjacir li dan ikun fil-gabbana.

Ir-rikorrenti xehed illi xtaq isib post sabiex jiftah negozju fis-settur tal-*catering*. Meta huh Emanuel semghu jghid hekk huwa ssuggerielu l-gabbana tad-Dwejra. Gara illi dak iz-zmien Emanuel Camilleri gie kkundannat ihallas multa sostanzjali li jekk ma tithallasx kienet ser tigi konvertita f'habs. Peress li Emanuel Camilleri ma kellux flus sabiex ihallas din il-multa u peress ukoll illi ma setax isib xoghol konsegwenza tal-vizzju, ir-rikorrenti offra li jislef lil huh l-ammont sabiex tithallas il-multa bil-patt li dan jibda jahdem fil-gabbana sabiex il-flus li ssellef minghand ir-rikorrenti jroddhom lura b'xoghol. Emanuel Camilleri accetta l-ghajnuna kollha li offrielu huh. Ir-rikorrenti esebixxa dokumentazzjoni migbura minn Jobs Plus minn fejn jirrizuta li mill-10 ta' Lulju 1995 Emanuel Camilleri beda jahdem fil-gabbana fuq bazi *full time*[21].

Ir-rikorrenti xehed kif peress illi l-gabbana tinsab fid-dizabitat fejn lanqas ma hemm servizz ta' elettricita, huwa beza minn xi vandalizmu fuq il-gabbana. Ghalhekk, ftiehem ma' huh sabiex dan jibda' jorqod fil-gabbana. Ftehmu wkoll illi bhala hlas kellhom jircievu paga kull wiehed u Emanuel Camilleri jircievi wkoll nofs il-profitti ghaz-zmien kollu li jdum jorqod fil-gabbana. Minn dawn il-profitti li kien ser jaghmel, Emanuel Camilleri kellu jakkwista s-sehem ta' 49% tal-ishma f'kumpanija illi r-rikorrenti u huh waqqfu fiz-zmien li r-rikorrenti akkwista l-gabbana. Gara pero' illi madwar tlett snin wara Emanuel Camilleri informa lil huh li ma kienx ghadu nteressat jakkwista sehem fil-kumpannija li kienu waqqfu u li ried juza l-flus li kien qieghed jaqla' sabiex jghix hajtu. Ghar-rikorrenti kien ovvju li huh kien rega waqa fil-vizzju tad-droga u li konsegwentment ma kellux flus sabiex jinvesti f'dan il-progett. Ghalhekk ghaddew sabiex ixolju l-kumpannija li kienu waqqfu ghaliex ma kien

[21] Dok. KM 11 a fol. 410 et seq., Vol. II tal-process.

ghad fadal ebda skop ghaliha. F'dan il-punt l-ahwa Camilleri raw xi flus kien hemm x'jinqasmu bejniethom. Fuq suggeriment ta' Emanuel Camilleri ftehmu illi flok jinqasmu l-profitti li kienu saru sa dak iz-zmien, Emanuel Camilleri kellu jqatta' tlett snin ohra jahdem fil-gabbana u jzomm il-profitti kollha biex b'hekk ikun thallas lura dak kollu dovut lilu. Ftehmu wkoll illi r-*running costs* involuti fil-gestjoni tal-gabbana jithallsu minn Emanuel Camilleri. Spjega illi l-flus ghal-licenzji ghal matul dawn it-tlett snin kien johroghom Emanuel Camilleri b'dan illi l-hlas kien isir mir-rikorrenti gialadarba l-licenzji relattivi kienu f'ismu. L-ahwa Camilleri ftehmu wkoll illi matul dawn it-tlett snin il-*fixed costs* jithallsu mir-rikorrenti bil-patt illi jekk mal-iskadenza ta' dawn it-tlett snin Emanuel Camilleri jaghzel illi jibqa' fil-post, in-nofs mis-sehem tieghu mill-profitti jibda' jghaddi ghand ir-rikorrenti sabiex jaghmel tajjeb ghas-sehem tieghu mill-ispejjez relattivi ghall-*fixed costs*. Emanuel Camilleri baqa' ghal aktar snin imexxi l-gabbana u r-rikorrenti jghid li qatt ma fittex ma' huh u qatt ma talbu jhallas is-sehem tieghu ghal spejjez li saru mir-rikorrenti.

Emanuel Camilleri gie nieqes f'Awwissu 2011. Ir-rikorrenti spjega kif sakemm huh kien ghadu haj dan kien ghamilha f'rasu illi jikseb il-permessi relttivi sabiex il-gabbana tigi zviluppata ulterjorment. Il-partijiet jaqblu illi dan il-progett baqa' jigi segwit mill-intimat Lee David Camilleri. Waqt illi Lee David Camilleri xehed illi kellu l-isperanza illi l-progett jirnexxi, ghar-rikorrenti kien evidenti li dan il-progett ma seta' qatt jimmaterjalizza stante s-sit fejn tinsab il-gabbana. Bhala fatt dan il-progett baqa' qatt ma ra d-dawl. Il-Perit Teddie Busuttil xehed illi huwa kien gie avvicinat mill-intimat Lee David Camilleri li xtaq iressaq applikazzjoni biex isiru xi meljoramenti fuq il-gabbana[22]. Eventwalment l-intimat Lee David Camilleri u r-rikorrenti bdew imorru ghand il-Perit flimkien. Spjega illi peress li l-permessi relattivi ghal din il-gabbana kienu kollha registrati f'isem ir-rikorrenti, l-applikazzjoni kellha tabilhaqq issir f'isem ir-rikorrenti li spicca ghamel tajjeb ghall-ispejjez relattivi u ghall-parcella tal-Perit. Il-Perit zied jghid illi fiz-zmien meta gew sabiex

[22] A fol.

jissottomettu l-applikazzjoni ir-rikorrenti kien imur ghand il-Perit wahdu ghaliex sa dan it-tant l-intimat kien tilef kull interess fil-progett. Da parti tieghu Lee David Camilleri pprezenta ricevuta tat-30 ta' Marzu 2015 mahruga f'ismu mill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar[23].

Ir-relazzjoni ta' bejn ir-rikorrenti u l-intimati rrukkat wara li gie nieqes Emanuel Cassar. Ir-rikorrenti xehed kif qatt ma ha ebda sehem mill-profitti registrati matul il-perjodu kollu li huh Emanuel Camilleri dam imexxi l-gabbana. Lanqas ma thallas is-sehem tieghu mill-profitti meta fit-tmexxija tal-gabbana dahlu n-neputijiet tieghu, l-intimati odjerni[24]. L-intimati xehdu illi kienu jmorru fil-gabbana jaghtu daqqa t'id lil missierhom. Lee David Camilleri xehed illi huwa ha post missieru meta dan gie nieqes. Jghid illi beda jahdem fil-gabbana bhala *self-employed* u dwar dan ipprezenta Formoli tat-Taxxa u *Profit & Loss account* ghas-snin li spiccaw 2011 sa 2015[25]. Ipprezenta wkoll VAT *returns* ghas-snin 2010 sa 2015[26]. L-Accountant John Buttigieg xehed illi hu kien jipprepara dawn id-dokumenti abbazi ta' ricevuti li kienu jghaddulu l-klijenti tieghu inkella fejn ma kienx ikun hemm ircevuta huwa kien joqghod fuq il-kelma tal-klijent[27]. Zied jghid illi hu qatt m'ghamel xoghol fuq inkarigu tar-rikorrenti b'rabta mal-gabbana.

L-intimati jghidu illi r-rikorrenti ma kienx jersaq lejn il-gabbana u li malajr abbanduna n-negozju ghaliex minhabba s-sit fejn tinsab il-gabbana kien hemm certu diffikultajiet sabiex topera u kienet ukoll tinvolvi spejjez ta' manutenzjoni kontinwa minhabba l-hsara li ggarrab konsegwenza tar-raxx tal-ilma tal-bahar. L-intimati pprezentaw il-Profit & Loss Account ghas-sena li spiccat 2004 u ghas-snin li segwew sas-sena 2015.

Skont l-intimati missierhom kien jghaddi l-flus lir-rikorrenti sabiex dan imbaghad ihallas lil Doris Cassar ghal dak dovut lilha. Jghidu wkoll illi

[23] Dok. LCD 1 a fol. 670, Vol. IV tal-process.
[24] Dok. KM 10 a fol. 409, Vol. II tal-process – Dokumentazzjoni minn Jobs Plus minn fejn jirrizulta illi Lee David Camilleri kien registrat bhala haddiem fil-gabbana fuq bazi ta' part-time.
[25] Dok. LCZ 03 sa Dok. LCZ 07 a fol. 467 et seq., Vol. III tal-process.
[26] Dok. LCZ 13 sa Dok. LCZ 30 a fol. 482 et seq., Vol. III tal-process.
[27] A fol. 644 et seq., Vol. IV tal-process.

kien missierhom stess illi hallas il-multa meta l-Pulizija hadu passi fil-konfront ta' Doris Cassar minhabba xi illegalitajiet. F'dan ir-rigward ir-rikorrenti jirrikonoxxi l-fatt illi Emanuel Camilleri gieli hallas ghal xi spejjez relattivi ghall-gabbana. L-intimati xehdu wkoll illi huma kienu jghaddu lir-rikorrenti l-flus ghall-hlas tal-licenzja biss jistqarru illi m'ghandhom ebda ricevuta li turi dan.

Tajjeb jinghad illi flimkien mar-risposta taghhom l-intimati pprezentaw zewg ittri legali, wahda li ggib id-data tal-10 ta' Lulju 2006[28] u l-ohra tat-18 ta' Dicembru 2007[29]. Dawn iz-zewg ittri ntbaghtu sabiex il-konjugi Cassar jottempraw ruhhom mat-termini tal-ftehim tat-30 ta' Gunju 1995 u jaghmlu t-trasferiment tal-*encroachment permit* u tal-licenzja relattiva favur ir-rikorrenti. Lee David Camilleri xehed illi dawn l-ittri ntbaghtu fuq inkarigu tieghu. Spjega illi l-ittri ntbaghtu f'isem ir-rikorrenti unikament ghaliex il-ftehim ghat-trasferiment tal-gabbana kien gie ffirmat mir-rikorrenti. Mill-banda l-ohra, waqt illi kkonferma li dawn l-ittri ma kienux ikkummissjonati minnu, r-rikorrenti xehed illi dan sar biss unikament ghaliex ir-rikorrenti ma kellux hin imur ghand l-avukat u ghaliex huh kien xi minn daqqiet jghinu.

Lee David Camilleri u huh Nicholas Camilleri jishqu illi l-gestjoni fattwali tal-gabbana kienet f'idejhom u f'idejn missierhom u li kienu huma stess illi kienu qeghdin jghaddu lir-rikorrenti l-flus li kienu dovuti lil terzi b'rabta man-negozju. Ciononostante Lee David Camilleri jghid ukoll illi "*Qatt ma rajt urgenza sabiex nibda l-process biex il-gabbana tinqaleb fuq isem missieri*". F'dan ir-rigward Nicholas Camilleri xehed illi missieru qatt ma fittex illi jdawwar il-licenzja ghal fuqu ghaliex "*kien dejjem jghid, x'ha niffirma jekk m'hemm xejn sewwa? Imbaghad konna ftehimna meta ngibu kollox sewwa, l-licenzji u hekk, tac-cens, kien ha jiffirma.*" Zied jghid illi eventwalment missieru marad serjament u ma kienx f'qaghda li jirranga l-affarijiet sabiex il-licenzja ddur fuq ismu.

---

[28] Dok. X4 a fol. 19, Vol. I tal-process.
[29] Dok. X5 a fol. 20, Vol. I tal-process.

Lee David Camilleri kompla jixhed illi ghall-habta tas-sena 2008 flimkien ma' missieru kienu ghamlu xi xogholijiet fil-gabbana sabiex izidu d-daqs tal-gabbana bid-doppju. Jghid illi l-*ante-room*, il-kamra tal-banju u l-istore ziduhom huma. Dwar dan esebixxa pjanta li turi d-daqs tal-gabbana qabel ma saru l-meljoramenti u ritratt li juri l-estensjoni illi saret[30]. Madankollu ma tressaq ebda elenku dwar spejjez illi setghu saru mill-intimati fit-tkabbir tal-gabbana.

In sostenn tat-tezi taghhom l-intimati ezebew fost l-ohrajn kopja ta' *Official Log Book for Fiscal Cash Register*[31]. Minn dan jirrizulta illi fl-1 ta' Gunju 1995 l-*full name of user* kien indikat bhala Peter Camilleri. Il-Qorti tinnota kif minnufih malli tiftah il-qoxra ta' dan il-*Log Book* wiehed isib folja imwahhla bit-*tape*. Fuq din il-folja hemm imnizzel illi fl-1 ta' Marzu 1999 il-*full name of user* kien indikat bhala Emanuel Camilleri. Il-Qorti tosserva l-istranezza ta' dan id-dokument. Tghid dan fl-ewwel lok ghaliex iz-zewg pagni li rreferiet ghalihom il-Qorti huma t-tnejn enumerati bhala pagnu numru '1'. In oltre, il-Qorti ma tistax tara l-logika il-ghaliex in-notamenti ma komplewx isiru b'mod kronologiku fil-ktejjeb kif lanqas ma tista tifhem ghaliex din il-folja, li ma tidhirx illi giet strappata jew li waqghet minn xi mkien iehor, kellha tigi ndikata wkoll bin-numru 1 u mwahhla bit-*tape* fuq quddiem net tal-ktejjeb.

L-intimati pprezentaw ukoll dawn id-dokumenti:

i) Formola ghar-registrazzjoni ta' min ihaddem liema formola tindika lil Emanuel Camilleri bhala l-*employer*[32];
ii) Ittra tas-17 ta' Frar 2010 mibghuta lid-Direttur tal-MEPA fuq inkarigu ta' Emanuel Camilleri u dan b'refrenza ghall-applikazzjoni dwar zvilupp fiz-zona fejn tinsab il-kiosk[33];
iii) Tahrika tal-Pulizija mahruga kontra Emanuel Camilleri u fir-rigward ta' reati relattivi ghall-gabbana[34];

[30] Dok LCJ 1, Dok LCJ 2 u LCJ 3 a fol. 554, Vol. III tal-process.
[31] Dok. LCZ 01 a fol. 370, Vol. II tal-process.
[32] Dok. LCD 1 a fol. 554, Vol. III tal-process.
[33] Dok. LCE 1 a fol. 554, Vol. III tal-process.
[34] Dok. LCF u LCF 2 a fol. 554, Vol. III tal-process.

iv) Ricevuta dwar hlas ta' cens relattiv ghall-gabbana liema ricevuta hija f'isem ir-rikorrenti[35];

v) Kopja ta' garanzija bankarja mahruga mill-APS Bank fir-rigward tal-gabbana. Din ukoll hija f'isem ir-rikorrenti[36];

vi) *Profit and Loss Account* f'isem Emanuel Camilleri ghas-snin li spiccaw 2004 sa 2010[37];

vii) Ricevuta tas-7 ta' Jannar 2004 mahruga minn Simonds Farsons Cisk plc favur Emanuel Camilleri[38];

viii) Kopja ta' Denunzja ta' Taxxa f'isem ir-rikorrenti u cekk imhallas mir-rikorrenti stess fl-istess ammont kif denunzjat fil-formola tat-taxxa[39].

Bhala fatt jirrizulta illi r-rikorrenti dam ghoxrin sena shah jistenna sabiex ha azzjoni fil-konfront tal-intimati. Xehed illi dam jistenna daqshekk ghaliex dejjem baqa' jittratjeni sabiex jaghti cans lil huh li jkun f'pozizzjoni illi jakkwista sehem fil-kumpannija li tiggestixxi l-gabbana. Jghid ukoll illi kellu anki pressjoni minn tal-familja stess sabiex jaghti nifs u opportunita` lil huh sabiex jirriforma ruhu.

L-Avukat Alfred Grech xehed illi jaf kemm lir-rikorrenti kif ukoll lil missier l-intimati[40]. Spjega li l-ftehim dwar it-trasferiment kien sar bejn ir-rikorrenti u s-Sinjuri Cassar. Zied jghid illi fil-gabbana dejjem kien ikun hemm Emanuel Camilleri li kellu problema serja bl-alkohol tant illi din ir-riha kienet tinxtamm fuqu. Jghid ukoll illi Doris Cassar kienet tilmenta mieghu ghaliex il-ftehim taghha kien mar-rikorrenti mhux ma huh u li fil-fatt minhabba l-kondotta tieghu lanqas biss riedet li Emanuel Camilleri jkun involut f'dan in-negozju.

Xehdet ukoll Christine Vella mill-Malta Tourism Authority illli qalet li ghalkemm il-licenzja tal-gabbana kienet f'isem ir-rikorrenti, l-operatur taghha kien Emanuel Camilleri[41]. Tghid dan ghaliex meta fis-sena 2010

---

[35] Dok. LCH 1 a fol. 554, Vol. III tal-process.
[36] Dok. LCH 1 a fol. 554, Vol. III tal-process.
[37] Dok. JB1 sa Dok. JB 7 a fol. 660 et seq., Vol. IV tal-process.
[38] Dok. LCD1 a fol. 670., Vol. IV tal-process.
[39] Dok. LCD 1 a fol. 670., Vol. IV tal-process.
[40] A fol. 109 et seq. Vol. I tal-process.
[41] A fol. 505 et seq., u Dok. CV1 a fol. 516 et seq. Vol. III tal-process.

marru fuq il-post biex jaghtu *enforcement notice,* hemm sabu lil Emanuel Camilleri imbaghad marru darb'ohra u sabu fuq il-post lil Nicholas Camilleri madanakollu ziedet tghid illi kienet tkellmet diversi drabi mar-rikorrenti dwar il-gabbana. Hija kkonfermat illi l-ircevuti relattivi kienu jinhargu dejjem f'isem ir-rikorrenti bhala detentur tal-licenzja u dawn kienu jintbaghtu bil-posta fl-indirizz tieghu.

Kenneth Galea, habib tad-defunt Emanuel Camilleri, xehed illi kien hemm zmien meta hu kien imur jaghti daqqa t'id lil Emanuel Camilleri fit-tmexxija tal-gabbana[42]. Jghid illi Emanuel Camilleri kien jaghti l-impressjoni li l-gabbana kienet tieghu. Wara l-mewt ta' Camilleri, Galea xorta wahda baqa' jaghti daqqa t'id lill-intimati fid-*day-to-day operations*. Spjega illi meta kien joqrob iz-zmien li terga tithallas il-licenzja huwa kien jiehu hsieb ilesti l-ammont fi flus kontanti u kien jghaddi s-somma lil Lee David Camilleri.

Saviour sive Alvin Scicluna in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc ipprezenta ghadd ta' cekkijiet li nhargu mill-kont ta' Emanuel Camilleri. Minn dawn jirrizulta illi hemm numru ta' cekkijiet illi ma ghandhom ebda ness jew rilevanza ghall-kaz ta' llum. Hemm imbaghad numru iehor ta' cekkijiet illi ghandhom rilevanza. Minn dawn jirrizulta illi hemm seba' (7) cekkijiet li thallsu lil Peter Camilleri. Dawn il-pagamenti saru bejn is-sena 2003 u s-sena 2011 u huma pagamenti f'ammonti differenti wiehed mill-iehor. Jirrizultaw ukoll numru ta' cekkijiet mahruga f'isem il-Malta Tourism Authorty liema pagamenti saru f'ammonti differenti. Fuq dawn ic-cekkijiet ma tirrizulta ebda nota li tista' tispjega il-ghaliex sar il-pagament. Il-Qorti ghamlet ezami komparattiv bejn dawn ic-cekkijiet u l-lista tal-pagamenti li saru lill-Malta Tourism Authority liema lista giet esebita minn Christine Vella in rapprezentanza tal-Awtorita' imsemmija[43] kif ukoll bejn dawn ic-cekkijiet u numru ta' ricevuti li gew ipprezentati mill-intimati u li juru ricevuta ta' hlas mahruga mill-Malta Tourism Authority f'isem Doris Cassar[44]. Minn dan l-ezami jirrizulta hekk: cekk

[42] A fol. 529 et seq., u l-kontro-ezami a fol. 578 et seq., Vol. III tal-process.
[43] Dok. CVA 1 a fol. 549 u 550, Vol. III tal-process.
[44] Dok. LCB 1 sa LCB 14 a fol. 554, Vol. III tal-process.

datat 8 ta' Gunju 2009 fl-ammont ta' €786.17 illi jikkombacja ma' pagament illi gie registrat u rifless fil-lista a fol. 549 tal-process; cekk datat 3 ta' Frar 2005 li jikkorrispondi mal-ircevuta Dok LCB 6[45]; cekk tat-18 ta' April 2005 li jikkorispondi ma' ircevuta Dok LCB 8[46]; cekk datat 11 ta' April 2006 fl-ammont ta' Lm340 – il-Qorti tinnota illi ghalkemm tirrizulta ricevuta mill-Malta Tourism Authtority li ukoll iggib id-data tal-11 ta' April 2006[47], l-ammont fuq din l-ircevuta huwa ta' Lm300 li allura ma jikkorrispondix mal-ammont indikat fuq ic-cekk. Il-bqija tac-cekkijiet l-ohra mahruga favur il-Malta Tourism Authority ma jikkorrispondu ma' ebda wiehed mill-pagamenti ricevuti mill-Awtorita' imsemmija vis-a`-vis l-gabbana de quo. Dwar dawn ic-cekkijiet ir-rikorrenti xehed illi gharaf il-kaligrafija tieghu stess fuq numru minnhom. Spjega illi kien hemm okkazjonijiet fejn hu kien ikun silef xi flus lil huh Emanuel imbaghad kien jithallas lura b'cekk mill-kont ta' Emanuel Camilleri.

L-intimati pprezentaw ukoll ghadd ta' ricevuti mahruga mill-Enemalta Corporation Limited u aktar tard minn ARMS Malta Limited. Jirrizultaw cekkijiet li jikkorrispondu ma' ricevuti mahruga mill-Enemalta Corporation Limited relattivi ghall-kont bin-numru 989284060-1. Tajjeb jinghad illi mill-atti ma jirrizultax f'isem min hu registrat dan il-kont biss mill-ircevuti jidher illi l-arlogg jinsab registrat fl-indirizz Dwejra Bay, San Lawrenz. Hemm cekkijiet ohra mhallsa lil Water Services Corporation jew lil Enemalta Corporation Ltd izda dawn ma jikkorrispondu ma' ebda ricevuta li pprezentaw l-intimati. Irid jinghad ukoll illi fost l-ircevuti pprezentanti mill-intimati dwar hlas ta' kontijiet tal-ilma, hemm ghadd ta' ricevuti li huma mahruga f'isem ir-rikorrenti u dawn b'rabta mal-kont bin-numru 101000157916. Mill-kopja ta' cekkijiet imhallsa minn Emanuel Camilleri irrizultaw zewg cekkijiet imhallsa lil ARMS Ltd. Fuq dawn hemm notament li tindika l-kont dwar liema kien qieghed isir il-pagament. Dan in-numru tal-kont jikkorrispondi mal-kont bin-numru

[45] Dok. LCB 6 a fol. 554, Vol. III tal-process.
[46] Dok LCB 8 a fol. 554, Vol. III tal-process.
[47] Dok. LCB 10 a fol. 554, Vol. III tal-process.

101000157916 li Carmel Bajada in rapprezentanza ta' ARMS Ltd ikkonferma illi huwa kont registrat f'isem ir-rikorrenti.

**Ikkunsidrat:**

Wara li fliet bir-reqqa l-provi mressqa, l-Qorti issib illi huma diversi l-fatturi li wassluha ghall-konkluzjoni ghar-rigward il-fatt illi ma jirrizultax li r-rikorrenti qatt ghamilha ta' mandatarju *prestanome* ghal huh. F'dan ir-rigward ir-rikorrenti ressaq gabra ta' cirkostanzi fattwali li huma cari u univoci u ma jhallu ebda dubju dwar dan fil-fehma tal-Qorti.

Fl-ewwel lok, bejn ir-rikorrenti u Emanuel Camilleri ma rrizulta illi kien hemm ebda ftehim espress ghall-fini illi r-rikorrenti jagixxi bhala *prestanome* ghal huh. Kien jinkombi fuq l-intimati illi jiskarikaw il-piz tal-prova in sostenn tal-allegazzjoni minnhom maghmulha izda dan ma sarx. L-intimati jishqu illi n-negozju sar f'isem u in rapprezentanza ta' missierhom. Jghidu li sar hekk ghaliex Doris Cassar ma kelliex pjacir b'missierhom ghaliex skont huma huwa kien fuq tieghu. Il-Qorti tinnota kif l-intimati kienu selettivi hafna meta xehdu dwar il-karattru refrettarju ta' missierhom u la jiftakru li kellu l-vizzju tad-droga u lanqas ma jiftakru li dan gie kkundannat anki ghal piena ta' prigunerija effettiva. Mill-banda l-ohra l-intimati jghidu li ghandhom memorja aktar tajba in kwantu jirrigwarda n-negozju relattiv ghall-gabbana. Biss, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi fiz-zmien meta r-rikorrenti ffirma l-ftehim ma' Doris Cassar, l-intimati kienu ghadhom tfal. Terga u tghid, kif del resto kkonfermaw l-istess intimati, dak iz-zmien huma kienu qeghdin jghixu l-Ingilterra flimkien ma' ommhom u kienu jigu Malta unikament ghal xi btala fix-xhur tas-sajf. Ghalhekk, kif jammettu huma stess, dak li jafu huwa frott dak li semghu minghand missierhom u mhux ghaliex jafuh *di prima persona*.

Fit-tieni lok il-Qorti qieset l-imgieba tar-rikorrenti fiz-zmien relattiv u kif dan wasal sabiex jidhol f'kuntratt ma' Doris Cassar. Waqt illi jikkoncedi

li kien propju huh li kien hajjru ghall-gabbana de quo, ir-rikorrenti ressaq provi bizzejjed sabiex juri li kien proprju hu li ha hsieb igib dan in-negozu fuq saqajh u dan billi kien hu li nvesta minn butu sabiex inxtara t-taghmir u l-istokk kif ukoll sabiex hallas il-permessi u l-licenzji relattivi u fuq kollox sabiex xtara minghand Joseph u Doris konjugi Cassar l-ishma fil-kumpannija Dwejra Catering Limited. Dan isib konferma fi provi dokumentarji estensivi liema provi ma gewx kontestati. Ir-rikorrenti ha hsieb ukoll iressaq xhieda li wiehed jista' joqghod fuqhom fejn dawn xehdu illi l-kuntratt finali u kull diskussjoni jew ftehim illi segwa dejjem sar mar-rikorrenti. Fil-fatt, mill-att li gie ffirmat ma' Doris Cassar jirrizulta illi fuq dan l-att deher biss ir-rikorrenti u mkien ma ssir referenza ghal Emanuel Camilleri kif lanqas ma tirrizulta referenza ghalih mill-*file* illi ghandha l-Awtorita` tal-Artijiet. Il-Qorti qieset ukoll l-ircevuti li pprezenta r-rikorrenti bhala fatturat ghal xogholijiet li saru fuq inkarigu u a spejjez tieghu kif ukoll il-garanzija bankarja marbuta ma kont f'isem ir-rikorrenti. Qieset ukoll id-dokumenti esebiti mill-intimati li parti sostanzjali minnhom tirrapprezenta ricevuti li huma f'isem ir-rikorrenti. Qieset ukoll b'reqqa x-xhieda tar-rapprezentant tal-Awtorita` ta' Malta dwar it-Turizmu li xehdet li f'zewg okkazjonijiet partikolari fil-post u bhala l-operatur tal-gabbana kien hemm Emanuel Camilleri, fl-istess waqt irrikonoxxiet illi l-licenzja tghajjat lir-rikorrenti u li kull komunikazzjoni saret dejjem mieghu. Bhala fatt l-Awtoritajiet jirrikonoxxu biss lir-rikorrenti billi l-permessi u l-licenzji relattivi jghajjtu proprju lir-rikorrenti.

Mhux kontestat mir-rikorrenti li ghal numru ta' snin Emanuel Camilleri gie minnu fdat bil-gestjoni tal-gabbana. Ir-rikorrenti jirrikonoxxi wkoll illi matul dawn is-snin kien hemm xi pagamenti li saru minn Emanuel Camilleri kif ukoll pagamenti li saru lir-rikorrenti bhala rifuzjoni ta' ammonti li r-rikorrenti kien silef lil huh. B'dan pero` ma jfissirx illi n-negozju kien ta' Emanuel Camilleri ukoll. Il-fatt li maz-zmien il-gestjoni ghaddiet favur Emanuel Camilleri kien dovut unikament ghall-fatt illi Emanuel Camilleri kien ghaddej minn zmien difficli, xellef difru mal-gustizzja u sahansitra kellu problemi serji bil-vizzju tad-droga u tax-xorb.

F'dawn ic-cirkostanzi kollha r-rikorrenti hass opportun illi jaghti daqqa t'id lil huh biex forsi dan jazzetta u jaqbad it-triq it-tajba lejn hajja stabbli. Il-Qorti tqis ukoll illi anki jekk originarjament kien hemm ostaklu sabiex l-assenjazzjoni ssir ukoll f'isem Emanuel Camilleri u dan peress illi kif xehdet Doris Cassar stess, hija ma riditx li jkollha x'taqsam mieghu, bhala fatt la darba Cassar harget il-barra mix-xena u l-licenzja daret fuq ir-rikorrenti, Emanuel Camilleri m'ghamel assolutament xejn sabiex jikkawtela xi jedd li possibilment seta' kellu u filfatt qatt ma fittex li l-licenzja tinhareg ukoll fuq ismu. Jekk ried ihalli kollox f'idejn ir-rikorrenti, kien messu almenu jaghmel dan il-hsieb car ghal kulhadd. Il-Qorti tqis ukoll illi waqt li huwa minnu li kien hemm diversi pagamenti li saru minn Emanuel Camilleri waqt illi kien fdat bil-gestjoni tal-gabbana tqis ukoll illi mix-xhieda tar-rikorrenti jidher illi l-ahwa Camilleri ftehmu bejniethom sabiex Emanuel Camilleri jrodd lura flus li kien issellef minghand huh. Dan ir-radd lura sar bil-hidma ta' Emanuel Camilleri personalment kif ukoll b'pagamenti varji. Tqis ukoll illi anki jekk huwa minnu li Emanuel Camilleri u/jew uliedu bghatu xi ittri legali ghar-rigward il-kiosk jew inkella ghamlu applikazzjoni ghal xogholijiet strutturali, dan bl-ebda mod ma jfisser illi l-gabbana kienet ukoll ta' Emanuel Camilleri.

Ferm il-premess il-Qorti ssib illi ma jirrizultawx soddisfatti l-elementi li jservu sabiex jistabbilixxu li r-rikorrenti kien qieghed jagixxi *prestanome* ghal huh. Ghalhekk, in mankanza tal-*idem placitum consensus*, il-Qorti qieghda tqis il-mandat bhala li ma jezistix.

**Il-Kontro talba.**

L-intimati rikonvenzjonanti talbu rizarciment ghall-meljoramenti li saru minn missierhom jew minnhom mis-sena 1995 'il quddiem. F'dan ir-rigward l-intimati ma ressqu ebda elenku ta' spejjez minnhom maghmulha. L-unika ndikazzjoni dwar xi spejjez setghu qatt gew inkorsi hija dik li tirrizulta mill-*Profit & Loss Accounts* li gew imhejjija ghas-snin 2004 sa 2015. L-Accountant John Buttigieg xehed illi l-ammonti ndikati

fil-*Profit & Loss Accounts* kienu jkunu bbazati fuq dokumentazzjoni moghtija lilu mill-intimati nkella fejn ma kienx ikun hemm ricevuti huwa kien jistrieh fuq l-ammonti ndikati lilu mill-intimati. Bhala fatt l-ircevuti korrispondenti ghall-ammonti ndikati fil-*Profit & Loss Accounts* baqghu ma gewx ipprezentati in atti. Wara li ezaminat il-*Profit & Loss Accounts* il-Qorti ssib illi l-akbar spiza qatt dikjarata bhala relattiva ghal *Repairs and Maintenance* kienet dik fis-sena 2014 fl-ammont ta' €912. Altrimenti l-ispejjez ta' manutenzjoni li gew dikjarati matul is-snin huma fil-gran parti f'ammonti irrizorji. Maghduda l-ammonti lkoll flimkien jidher illi l-ispiza komplessiva matul is-snin telghet ghas-somma ta' elf sitt mija u erbatax-il Ewro (€1614).

Fatti dawn l-osservazzjonijiet il-Qorti tqis illi ma saritx il-prova dwar x'meljoramenti saru mill-intimati. Lanqas ma gie sodisfacentement ippruvat illi l-ispejjez indikati fil-*Profit & Loss Accounts* bhala relattivi ghal *Repairs & Maintenance* gew realment inkorsi mill-intimati rikonvenzjonanti. Mhux talli ma giet esebita ebda ricevuta in sostenn ta' dan talli ghall-kuntrarju gew esebiti sensiela ta' ritratti li jixhdu li l-gabbana tinsab fi stat ta' telqa u abbandun u ilha hekk mindu inghalqet fis-sena 2015.

Il-Qorti tqis illi din it-talba rikonvenzjonali mhix misthoqqa.

**Decide.**

Ghalqastant, ghall-motivi u ragunijiet gia espressi din il-Qorti ser tghaddi sabiex tiddeciedi din il-kawza billi:

**Rigward it-talbiet fir-rikors guramentat:**

Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti.

Tilqa' t-tieni u t-tielet talba u tordna lill-intimati sabiex fi zmien xahar mil-lum jizgombraw mill-*mobile kiosk* maghrufa din bhala Dwejra Kiosk, fil-Pjazza tad-Dwejra, Triq il-Gebla tal-General, fil-bajja tad-Dwejra, fil-limiti ta' San Lawrenz.

**Rigward it-talbiet rikonvenzjonali:**

Tichad l-ewwel u t-tieni talba kif dedotti.

Tordna li l-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom ikunu a karigu tal-intimati.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Dorianne Cordina
Deputat Reġistratur

Vera kopja

Ghar-Reġistratur